**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 19 ta' Gunju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 65/2019 AF**

**Marc Vella Bonanno**

**vs**

**Francesco Prudente (K.I. Taljana Nru. AT 2070696)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Marc Vella Bonanno, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-konvenut huwa imprenditur ta' nazzjonalità Taljana li kien jirrisjedi fid-Danimarka u li ried jiftah negozju hawn Malta billi jiggestixxi r-*restaurant* bl-isem ta' "The Overflow Restaurant" li jinsab fi Triq il-Maskli, l-Qawra.

Ghalhekk, f'Lulju tal-elfejn u tminatax (2018) il-konvenut kien irrikorra ghand l-attur sabiex jipprovdilu s-servizzi professjonali tieghu bhala accountant u financial advisor, liema servizzi kienu

jinkludu *inter alia* l-formazzjoni ta' kumpannija, servizzi ta' kontabilità, ftuh ta' kontijiet bankarji u ohrajn.

Peress li l-konvenut kien ghadu fil-process li jistabilixxi relazzjoni kummercjali u bankarja f'pajjizna, il-kontendenti ftehmu li l-konvenut kellu jittrasferixxi l-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000) minn kont bankarju tieghu fi Spanja ghall-kont bankarju tal-attur fi hdan il-Bank of Valletta (BOV). Illi dawn il-fondi kellhom jintuzaw mill-intimat sabiex ikopru l-ispejjez relatati mal-ftuh tan-negozju u spejjez ohrajn necessarji u personali sabiex jirriloka f'pajjizna mal-familja tieghu (*bank transaction summary u dikjarazzjoni tal-provenjenza tal-fondi annessi u mmarkati bhala Dok. MVB1*).

Ghalkemm il-konvenut kien ipprocessa l-imsemmi trasferiment bankarju lejn Malta, il-process ta' clearance kien qieghed jiehu aktar zmien minn dak ipprospettat. Izda peress li l-kovenut kellu bzonn l-uzu tal-fondi fl-immedjat sabiex javvilja l-pjanijiet tieghu, huwa talab lill-attur jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u kontijiet tal-konvenut bil-patt u l-kundizzjoni li l-ammonti mhallsa jigu rifuzi lill-attur *in toto* appena l-bank jiffinalizza l-imsemmija clearance bankarja.

Ghalhekk bejn Settembru u Novembru 2018, l-attur ghamel diversi pagamenti 'minn butu' fuq struzzjonijiet tal-intimat. Illi bis-sahha tal-hlasijiet maghmula mill-attur, l-intimat irnexxielu fost affarijiet ohrajn: [i] jakkwista u jirrinova l-imsemmi restaurant u jifthu bl-isem gdid ta' 'Basilico', [ii] jirregistra l-kumpannija bl-isem ta' Basilico Ltd (C88509) u [iii] jirriloka hawn Malta flimkien mal-familja tieghu (*dokumenti relatati man-negozju tal-konvenut annessi bhala Dok. MVB2*).

Fost dawn il-pagamenti li kienu gew mitluba mill-intimat kien hemm l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) li bihom l-intimat seta' jikkonkludi l-kuntratt tal-kera tal-imsemmi restaurant billi jhallas premium/goodwill maqbul proprju bejn il-konvenut u sid ir-restaurant. Fiz-zmien li sar il-ftehim, il-konvenut kien ghadu qieghed jifforma s-socjetà kummercjali Basilico Ltd u dawn il-fondi li hareg l-attur u li kellhom joriginaw mill-konvenut, kienu proprju intizi lejn dan in-negozju. Illi l-hlas sar minghand l-attur direttament lis-sid

ta’ restaurant fi tlett pagamenti differenti hekk kif kienu ftehmu l-partijiet (*rikjesti bl-istruzzjonijiet u proof of payment annessi bhala Dok. MVB3*).

Fit-3 ta’ Dicembru 2018, il-process ta’ clearance bankarju surriferit gie mwaqqaf mill-BOV ghal ragunijiet indipendenti mill-attur. Illi ghalhekk, l-ammont ta’ erbghin elf Ewro (€40,000) li kienu temporanjament iddepozitati fil-bank lokali gie ttrasferit lura fil-kont originali tal-intimat (*return of funds mil-BOV annessa bhala Dok. MVB4*).

L-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex immedjatament ihallas lill-attur l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) dovuti mill-intimat. Illi ghalkemm l-intimat irrikonoxxa dan il-kreditu, huwa baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe pretensjoni ohra li l-attur jista’ jkollu fil-konfront tal-intimat, l-intimat ghandu jhallas lill-attur l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.

L-attur jaf b’dawn il-fatti personalment u jiddikjara li sa fejn jaf hu, l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet validi x’jaghti kontra din l-azzjoni.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont dovut minnu ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000).

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont dovut minnu ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta’ sekwestru li qieghed jigi intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ Francesco Prudente li permezz taghha gew ammessi t-talbiet.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Francesco Prudente.

IMHALLEF

DEP/REG